

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Medjazzjoni>Medjazzjoni tal-familja>Medjazzjoni tal-familja
Medjazzjoni tal-familja

Belġju

Il-medjazzjoni hija rregolata mil-liġi tal-21 ta' Frar 2005. Il-medjazzjoni tal-familja, bħal kull medjazzjoni tista' titwettaq fil-qafas ta' proċedura ta' proċedura ġudizzjarja (medjazzjoni ġudizzjarja) jew barra minnha (medjazzjoni volontarja).

Il-medjazzjoni mibdija wara talba ta' waħda mill-partijiet jew proposta mill-imħallef huwa proċess li jirrikjedi ftehim tal-partijiet.

Il-partijiet jaqblu dwar il-ħatra ta' medjatur (Artikolu 1734, l-ewwel inċiż tal-Kodiċi Ġudizzjarju) li jista' jkun approvat mill-Kummissjoni Federali tal-medjazzjoni. Kull parti tista' ttejjem il-medjazzjoni f'kull mument (Art. 1729 C. jud.). Il-medjazzjoni tista' sseħħ għal parti mit-tilwima jew għat-tilwima kollha (Art. 1735, §2 C. jud.).

Fil-kawżi kollha li jiġu mill-qorti tal-familja, hekk kif applikazzjoni tiġi ppreżentata, ir-Reġistratur għandu jinforma lill-partijiet dwar il-possibilità li jirrikorru għall-medjazzjoni u jaġġithom l-informazzjoni kollha rilevanti għal dan l-għan (Art. 1253 *ter*/1 C. jud.) F'materji ta' divorzju minħabba separazzjoni irrimedjabbli, l-imħallef jista' jordna sospensjoni għall-proċedura għal perjodu li ma jistax jaqbeż xahar sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jiksbu informazzjoni dwar il-medjazzjoni (Art. 1255, §6, subparagrafu 2 C. jud.). L-awli ta' ftehim bonarju tat-tribunal tal-familja madankollu huma koperti mill-kunċett ta' konċiljazzjoni (Artikolu 731 tal-Kodiċi Ġudizzjarju): huma l-imħallfin li jkollhom jirrikonċiljaw lill-partijiet anki jekk ma jiġġudikawx il-kawża b'mod definittiv. Il-medjazzjoni fil-Kodiċi Ġudizzjarju fil-fatt ma jawtorizzax li mħallef ikun medjatur.

Il-medjazzjoni għandha ssir b'mod kunfidenzjali u l-medjatur għandu jkun soġġett għas-segretezza professjonali (Art. 1728, § 1 C. jud.).

Il-proċedura ta' medjazzjoni tikkonsisti fi tliet fażijiet:

- il-ħatra ta' medjatur mill-imħallef

- ir-rimessa tal-kawża għal data ulterjuri mill-imħallef li jstabilixxi d-dispożizzjoni abbażi tal-ħlas bil-quddiem ta' kumpens

- l-eżitu tal-medjazzjoni: jekk il-medjazzjoni tkun waslet fi tmiem, it-termini ta' dan il-ftehim huma s-suġġett ta' ftehim bil-miktub mill-partijiet (ftehim ta' medjazzjoni) li jista' jiġi approvat mill-qorti. Jekk il-medjazzjoni tfalli, il-partijiet jistgħu jibdeu (jew ikomplu) bil-proċedura ġudizzjarja jew jitolbu, bi ftehim komuni, il-ħatra ta' medjatur ieħor.

L-ammont ta' tariffa, imposta kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ħlas tagħhom huma stabbiliti minn qabel mill-partijiet u l-medjatur.

Link għas-sit nazzjonali fejn tista' ssib lista ta' medjaturi fi kwistjonijiet familjari: <http://www.fbc-cfm.be/fr/trouver-un-mediateur>

Link lejn sit nazzjonali li jipprovdi informazzjoni dwar il-medjazzjoni tal-familja jew il-medjazzjoni ġenerali: <http://www.fbc-cfm.be/fr/mediation>

Link lejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-medjazzjoni ta' xorta familjari: <http://www.fbc-cfm.be/fr/content/national-0>

L-aħħar aġġornament: 17/01/2017

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.